FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.d.,MAG.JUR (EU LAW)

Illum 25 ta' Jannar 2017

Il-Pulizija
(Spett. Christabelle Chetcuti)

Vs

Gerald Callus

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 33383m talli:

1. nhar il-11 t'Awissu 2014 ghal-habta ta' bejn id-9.00pm u l-10.30pm, gewwa 'Summer Bar', li jinsab gewwa il-Bajja ta' San Tumas, Marsaskala, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghal Mario Barbara u/jew persuna/I ohra u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr R.M. Spiteri MD tal-klinika ta' Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel ingurja jew theddid mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kien ipprovoka, ingurja, b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Lorna Frendo, u/jew persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded bil-gebeljew bi hwejjeg ohra iebsin, waddab u/jew qabad arma/I kontra Mario Barbara u/jew persuna/I ohra;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/I hawn fuq indikata.

Il-Qorti mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kas ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma li fil-gurnata u hin indikati fit-tahrika, l-imputat iddecida jmur fl-istabiliment "Summer Bar" gewwa il-B ajja ta' San Tumas, Marsascala, u immedjatament li wasal hemm mar direttament fuq il-parti leza, certu Mario Barbara, u aggredih bl-lembuba li kienet f'idu.

Intant, fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, l-imputat hu akkuzat, apparti offizi ta' natura kontravenzjonali, b'ferita ta' natura gravi fil-kaz in meritu, ikkagunata fuq il-wicc, fuq l-imsemmija parti leza, tali ferita li ggib sfregju gravi u permanenti.

Mill-provi, senjatament, mix-xhieda tat-tabiba Rose Mary Spiteri, mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, jirrisulta li l-ferita kienet tikkonsisti , f'qasma miftuha fuq in-naha tal-lemin tal-wicc, quddiem il-widna l-leminija, twila madwar 8/9 centimetri, vertikali li testendi l'isfel lejn il-gok,ghalkemm mhux fonda.

It-tabib Dottor Mario Scerri, nominat mill-Qorti, kien tal-fehma, li l-lezjoni fil-wicc minhabba li kellha dak li jsejjah bhala *sharp margins* saret bi strument li jaqta'. Eskluda li kienet kagjonata permezz tal-lembuba. Dwar il-permanenza taghha l-imsemmi espert qal li halliet cikatrici irqiqa u tawwalija li ghalkemm mhux daqstant kospikwa tidher *from within talking distance.*

Ikkonsidrat

Fuq il-fatti esposti huwa car ghall-Qorti li l-imputat hu x'inhu l-kaz, ghandu jinstab hati ta' sfregju taht l-Artikolu 218 tal-Kap 9 minghajr l-iskuzanti tal-provokazzjoni u/jew taht l-influwenza immedjata ai termini tal-Artikolu 227 subincis (a) jew (c).
Ghaldaqstant, issib u tiddikjara l-imputat hati ghab-bazi tal-Artikolu 217 u 218(1)(b)(2) tal-Kap 9 citati fir- rinviju ghall-gudizzju mill-Avukat Generali. Tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal erba sninbl applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9. Mill-bqija tal-artikoli tal-ligi hemm citati wara li rat l-Artikolu 17(d) u l-Artikolu 383, 384,385 tac-citat Kap 9 torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu li ma jitkellimx jew jindirizza l-parti leza u jzomm il-bon ordni pubbliku taht penali ta' Euro 2,300 fin-nuqqas.

Rat l-Artikolu 533 tal-istess Kap 9 u tikkundannah ghall-ispejjes tal-esperti nominati f'dawn il-proceduri.

A.M.Trigona

Magistrat